

СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИЯ СЪЮЗ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LA UNIÓN EUROPEA
SODNÍ DVŮR EVROPSKÉ UNIE
DEN EUROPÆISKE UNIONS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN UNION
EUROOPA LIIDU KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΗΣ ΕΥΡΩΠΑΪΚΗΣ ΕΝΩΣΗΣ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN UNION
COUR DE JUSTICE DE L'UNION EUROPÉENNE
CÚIRT BHREITHIÚNAIS AN AONTAIS EORPAIGH
SUD EUROPSKE UNIE
CORTE DI GIUSTIZIA DELL'UNIONE EUROPEA



LUXEMBOURG

EIROPAS SAVIENĪBAS TIESA
EUROPOS SĄJUNGOS TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI UNIÓ BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE UNIE
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI UNII EUROPEJSKIEJ
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DA UNIÃO EUROPEIA
CURTEA DE JUSTIȚIE A UNIUNII EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKEJ ÚNIE
SODIŠČE EVROPSKE UNIJE
EUROOPAN UNIONIN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA UNIONENS DOMSTOL

**Tweġiba għall-istedina mill-Presidenza Taljana tal-Kunsill sabiex jiġu
ppreżentati proposti ġodda bil-għan li jiġi ffaċilitat il-kompitu li jintlaħaq ftehim
fi ħdan il-Kunsill dwar il-modalitajiet ta' żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti
Ġenerali tal-Unjoni Ewropea**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tixtieq tiringrazzja lill-Presidenza Taljana tal-Kunsill għall-inizjattiva li din tal-aħħar ħadet, permezz tal-ittra tagħha tat-3 ta' Settembru 2014, li titlob suġġerimenti ġodda dwar il-modalitajiet ta' żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni.

I. Il-kuntest tas-sitwazzjoni attwali

Iż-żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali tagħmel parti mill-inizjattiva leġiżlattiva intiża għal riforma tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li l-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat lil-leġiżlatur tal-Unjoni fit-28 ta' Marzu 2011. Wara li rċeviet opinjoni favorevoli min-naħa tal-Kummissjoni, din iż-żieda kienet approvata mill-Parlament mal-ewwel qari. Fi ħdan il-Kunsill, għalkemm seta' jiġi kkonstatat qbil fuq livell ta' prinċipju, ma kienx madankollu possibbli li jintgħelbu l-pożizzjonijiet diverġenti fir-rigward tal-mod tan-nomina tal-Imħallfin supplimentari. Dwar dan l-aħħar punt, il-Presidenza Ellenika tal-Kunsill matul l-ewwel nofs tal-2014 kkonkludiet li, fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra possibbiltajiet oħra, kwalunkwe soluzzjoni li tinvolvi numru ta' Mħallfin inqas min-numru ta' Stati Membri u li, għalhekk, teħtieġ li ssir għażla bejn Stati Membri, kienet ser tiltaqa' mal-istess diffikultajiet bħal dawk li f'dawn l-aħħar snin ipprekludew li jintlaħaq ftehim fi ħdan il-Kunsill.

Barra minn hekk, id-diffikultajiet li l-Kunsill iltaqa' magħhom diversi drabi f'dawn l-aħħar żminijiet meta ntabab jaħtar l-Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) għandhom ċerti aspetti li huma identiċi għas-sitwazzjoni deskritta iktar 'il fuq. Fil-fatt, kemm is-sena li għaddiet u kemm din is-sena, il-ħtieġa li titwettaq għażla minħabba, minn naħa, in-numru limitat ta' pożizzjonijiet li kellhom jintlewi li jirriżulta mid-daqs żgħir ta' dan it-tribunal u, min-naħa l-oħra, ix-xewqa li jiġu bbilanċjati l-prinċipji ta' stabbiltà u ta' rotazzjoni, kienet il-kawża ta' dibattiti twal u

diffiċli tant li, attwalment, il-ġuriet li kellhom isiru għat-30 ta' Settembru 2014, sussegwentement għall-iskadenza tal-mandat ta' żewġ Imħallfin tat-TSP, fosthom tal-President tiegħu, għadhom ma sarux. L-impatt negattiv ta' dan l-impass fuq il-funzjonament tajjeb ta' dan it-tribunal diġà qiegħed jinħass sa fejn in-nuqqas ta' ċertezza dwar il-kompożizzjoni tiegħu f'it li xejn jippermetti ġestjoni effikaċja tal-kawżi mressqa quddiemu.

Fir-rigward tal-volum ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali, is-sitwazzjoni kompliet saħansitra taggrava ruħha meta mqabbla mal-mument li fih kienet ippreżentata l-inizjattiva leġiżlattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja. Filwaqt li f'dik id-data n-numru ta' kawżi pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali kien ta' madwar 1300, din iċ-ċifra ser tilħaq fil-futur qarib l-1600 kawża, ċifra li barra minn hekk tikkostitwixxi d-doppju tan-numru ta' kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward tan-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, din iċ-ċifra, li kienet ta' 636 fl-2010 u ta' 722 fl-2011, ser tilħaq, fl-2014, probabbilment l-elf kawża.

Għandu jiġi osservat ukoll li ġew ippreżentati l-ewwel rikorsi għad-danni wara l-konstatazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' ksur ta' terminu raġonevoli mill-Qorti Ġenerali (T-479/14, Kendrion vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; T-577/14, Gascogne Sack Deutschland GmbH u Gascogne vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea). F'kawżi oħra, li attwalment jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kwistjoni tal-ksur mill-Qorti Ġenerali tad-dmir li tiddeċiedi f'terminu raġonevoli tqajmet mir-rikorrenti. Ikkunsidrati flimkien, dawn il-kawżi, inklużi dawk li għadhom fi stadju prekontenzjuż (preżentata ta' talba għall-kumpens tad-danni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u/jew il-Kummissjoni), jimplikaw danni li l-ammont tagħhom joqrob lejn EUR 20 miljun.

II. Proposta li n-numru tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali jiġi rdoppjat fi tliet stadji u li l-kontenzjuż tal-ewwel istanza dwar is-servizz pubbliku tal-Unjoni jiġi ttrasferit lill-Qorti Ġenerali

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-modalitajiet ta' żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali għandhom jiġu organizzati b'mod li jippermetti li tissaħħaħ fi żmien qasir ħafna l-kapaċità gudiżzarja tal-Qorti Ġenerali sabiex din tkun tista' tnaqqas malajr u b'mod kunsiderevoli kemm it-tul tal-proċeduri quddiemha u kemm ix-xogħol lura ta' kawżi pendenti.

Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja tipproponi li n-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jiżdied għal tnejn għal kull Stat Membru, filwaqt li jiġi previst, minn naħa, li din iż-żieda ssir f'diversi stadji sabiex jiġi żgurat paralleliżmu mal-evoluzzjoni fin-

numru ta' kawżi mressqa quddiem din il-qorti u, min-naħa l-oħra, li l kontenzzjuż tal-ewwel istanza dwar is-servizz pubbliku tal-Unjoni jiġi ttrasferit lill-Qorti Ġenerali.

B'hekk, din il-proposta ma tissodisfax biss il-ħtiġijiet immedjati tal-Qorti Ġenerali iżda hija intiża wkoll li, permezz ta' projezzjoni itwal fil-futur, tipprovdi, għad-diffikultajiet affaċċjati, risposta li hija kemm strutturali u kemm dewwiema u li tista' tipprovdi soluzzjoni fuq żmien itwal għall-kwistjoni tat-trattament tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali filwaqt li tippermetti lil din il-qorti taffaċċja ż-żieda prevedibbli fil-volum ta' xogħol tagħha.

- L-ewwel stadju jkun jikkonsisti f'żieda ta' tnax fin-numru tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali u għandu jagħti lil din tal-aħħar it-tisħiħ immedjat li għandha bżonn b'mod urġenti. Dan in-numru, li huwa l-istess numru bħal dak li kien inizjalment propost fl-2011, huwa llum il-ġurnata ġġustifikat iktar minn qatt qabel fid-dawl tal-evoluzzjoni fil-volum ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali u ma huwiex ser jiġġenera spejjeż li jaqbżu dawk diġà previsti f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-inizjattiva leġiżlattiva tal-2011 u li, bħala prinċipju, kienu approvati mil-leġiżlatur tal-Unjoni.
- It-tieni stadju jkun jikkonsisti f'żieda ta' sebgħa fin-numru tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali u jkun jinkludi t-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-kontenzjuż tal-ewwel istanza dwar is-servizz pubbliku tal-Unjoni. Dan l-istadju jista' jseħħ fl-2016 (sena ta' tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali), fuq il-bażi ta' inizjattiva leġiżlattiva mħejjija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan is-sens. L-Istati Membri li ċittadin tagħhom jeżerċita l-funzjonijiet ta' Mħallf fit-TSP ikollhom il-possibbiltà li jipproponu l-ħatra tiegħu bħala Mħallf fil-Qorti Ġenerali, sakemm madankollu ma jkunux ipparteċipaw fl-ewwel stadju.
- It-tielet stadju jkun jikkonsisti f'żieda ta' disgħa fin-numru tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali u jkun jikkoinċidi mat-tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali fl-2019.

Din il-proposta kienet diskussa internament, inizjalment mal-President u mal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali u mal-President tat-TSP. Sussegwentement, il-laqgħa ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja approvatha u l-laqgħa plenarja tat-TSP tat opinjoni favorevoli għal din il-proposta, filwaqt li l-laqgħa plenarja tal-Qorti Ġenerali indikat il-preferenza tagħha li tinholq qorti speċjalizzata fil-qasam tat-trade marks u li tinżamm is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tat-TSP. Wara dan, il-President u l-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kienu mistiedna sabiex jipparteċipaw f'laqgħa plenarja speċjali tal-Qorti Ġenerali, kellhom l-opportunità jispjegaw lill-Membri tal-Qorti Ġenerali r-raġunijiet għalxiex il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tagħmel din il-proposta.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tittama li l-proposta tagħha ser tkun tista', kemm jista' jkun malajr, tintlaqa' favorevolment min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni.